# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 976/96**

**Numru 26**

**Marsovin Limited**

**vs**

**Bonaventura u Mary Grace konjugi Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm200 (mitejn lira Maltin) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-avviz, import ta' "administration contribution" minnhom dovuta bhala proprjetarji ta' Flat 1, Veduta Court, Xemxija Hill, St. Paul's Bay, kif jidher mill-prospett (Dok A) u ghat-tenut tal-kuntratt tal-akkwist tal-konvenuti (Dok B) u l-kundizzjonijiet u regulations (Dok B)

annessi mieghu, kif ukoll ghat-tenur tad-decizjonijiet tal-Administration tas-26 ta' Gunju, 1996, (Dok C) dovuti lis-socjeta' attrici bhala amministratur tal-blokk Veduta Court, Xemxija Hill, St. Paul's Bay.

Bl-ispejjez - komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Gunju, 1996 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti li biha eccepew (a fol 20 tal-atti):

1. Preliminarjament, li t-talba tal-kawza presenti kienet tifforma l-mertu ta' kawza ohra (Avviz Nru 1061/93) istitwita fil-konfront tal-eccipjenti, u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-intempestivita tal-azzjoni attrici ghaliex l-istess socjeta' attrici holqot ir-raguni li ghaliha l-hlas minnha mitlub mhux dovut.

3. Illi s-socjeta attrici, bhala amministratur tal-proprjeta mertu tal-kaz, hija responsabbli ghal nuqqasijiet taht l-istess artikoli ta' assocjazzjoni, kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh.

4. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-digriet taghha a fol 64 tal-istess atti u moghti fl-14 ta' Settembru 1999 kif ukoll dak moghti fit-30 ta' Jannar 2000 a fol 73 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet <u>ulterjuri</u> (a fol 70 ibid) li biha l-konvenuti eccepew "Il-karenza ta' interess guridiku fis-socjeta attrici li tipprosegwi l-atti tal-kawza, stante li, fil-mori tal-kawza, hija ttrasferiet kull interess rejali, inkluzi d-drittijiet litigjuzi, lil terzi, u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet in konnessjoni mal-istess eccezzjoni ulterjuri.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in konnessjoni mal-eccezzjoni ulterjuri in esami u li ghaliha hi ristretta din is-sentenza preliminari, gew prodotti in sostenn taghha s-segwenti provi:-

a) Estratt minn att publiku, in atti Nutar Pierre Attard u publikat fl-14 ta' Jannar 1998 esebit , in atti, a fol 67 sa 69 minn fejn jidher li s-socjeta attrici bieghet u trasferit, fil-mori ta' din il-kawza, lill-kumpanija ohra bl-isem ta' "Investment Properties Ltd" ".... the herunder mentioned and described properties together with all the rights of Marsovin Ltd both real and personal relating to the said properties including, but without any limitation, all rights of absolute ownership ....... litigious rights and all other residential rights ..... whether arising by law or by agreement ...........". (ara ukoll il-kopja tal-ittra mibghuta lill-istess konvenut a fol 79 ibid u dak verbalizzat a fol 80 ibid).

b) Kif jidher a fol 86, il-prolazzjoni tas-sentenza gie sospiz minhabba dak verbalizzat hemm u bhala konsegwenza, il-konvenut, permezz ta' nota esebixxa pagna ohra mill-imsemmi att publiku datat l-14 ta' Jannar 1998, f'liema nota jinghad testwalment "..... li f'paragrafu 49 tirreferi specifikatament ghal flat numru 1, meritu ta' din il-kawza" (ara fol 88 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk jidher, bhala fatt, li s-socjeta attrici, permezz tal-att pubbliku hawn fuq imsemmi, ittrasferit lil terza persuna, f'dan il-kaz persuna legali, kull dritt litigjuz, in konnessjoni mal-appartament numru wiehed (1) u dan inklus l-"washroom" numru wiehed (1) u sehem indiviz tal-bejt, appartenenti lill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, jidher, ghalhekk, b'mod evidenti li, fil-mori ta' din il-kawza, sar tali trasferiment u b'hekk din il-kawza ma tistax titkompla in vista li s-socjeta attrici tilfet kull interess legali li seta' kellha meta ipproponiet l-azzjoni in esami "bhala amministratur tal-blokk Veduta Court, Xemxija Hill, St Paul's Bay".

Ghal dawn il-motivi, tilqa l-eccezzjoni ulterjuri kif proposta mill-konvenut u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. In rigward l-ispejjes kull parti thallas l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Deputat Registratur